*Tajjeb li tkun taf*

# 20 Sena mill-Miġja tas-Sett Qniepen tal-Knisja Parrokkjali

**Dun Joe Borg**



Ħbieb, xieraq li fil-ħarġa tal-ktieb tal-festa ta' din is-sena, niktbu xi ħaġa fuq dan l-avveniment kbir u sabiħ fl-istorja tal-parroċċa tagħna. Avveniment kbir għax ħadd ma basar li fi ftit xhur jinġabru mal-115,000 Liri Maltin mill-parruċċani u mill-Bastjaniżi barra mill-parroċċa. Sintendi, bil-flus li kien baqa' wara li tħallsu l-qniepen, inxtara l-materjal mill-Ġermanja biex sar iz-zuntier ta' quddiem il-knisja.

Malli ħadt ir-responsabbiltà li niġbor u nġib il-qniepen u hawn intgħażlet id-Ditta ta' TAYLOR tal-Ingilterra, skont il-ftehim li għamilt, il-flus kellhom jitħallsu fi tliet partijiet. Dawn kienu: terz tas-somma mal-kuntratt, terz ieħor meta jitilqu mill-fonderija u l-aħħar terz tas-somma meta jkunu fil-kampnar. Għalhekk bdejt naħseb kif se niġbor l-ewwel parti. F'dan l-artiklu se nġib biss l-għajnuna li tatni s-Soċjetà Fil. Pinto Banda San Sebastjan, li kienet l-iktar għaqda li tat sehem kbir f'dan il-proġett.

Biex niġbor l-ewwel parti tas-somma nidejt donazzjonijiet u self ta' LM500. Tlabt lill-kumitat u mill-ewwel aċċetta t-talba tiegħi. Ta' dan bħala rikonoxximent tajt lill-każin qanpiena ta' Taylor li qegħda ġo vetrina fis-sala ta' fuq. Din hi l-unika għaqda li għandha dan ir-rikordju.

Barra minn dan sibt ukoll kooperazzjoni mill-kumitat biex jagħti sehem meta jiġu l-qniepen. Fil-fatt il-Banda San Sebastjan fil-31 ta' Mejju tal-1998 għamlet marċ u daqqet tul it-triq San Sebastjan meta daħħalna l-qniepen għall-ewwel darba fil-parroċċa.

Barra dan fil-21 ta' Ġunju s-Soċjetà Fil. Pinto esegwiet programm fuq iz-zuntier taħt il-patroċinju tal-ET Dr. Ugo Mifsud Bonnici, President ta' Malta f'dak iż-żmien. Inkitbu wkoll kompożizzjonijiet għall-okkażjoni. Dawn kienu:

Is-Sejħa tal-Mulej tas-Surmast Sebastian Camilleri
Bells of St. Sebastian tas-Surmast Dominic Darmanin
It-tokki tal-kampnar tas-Surmast Ġorġ Debono
L-għana tal-qniepen tas-Surmast Roderick Bugeja

Kien hemm qari ta' poeżiji.

It-Tnejn 29 ta' Ġunju, f'Jum l-Imnarja, sar marċ mill-Banda tagħna f'numru ta' toroq

fejn għaddejna minn quddiem djar li fihom kienu jgħixu morda li ma setgħux jaraw il-qniepen. Allura dawwarna l-qanpiena l-kbira fuq trakk żgħir waqt li ndoqqu l-marċi u b'hekk anke l-morda setgħu igawdu minn dan l-avveniment storiku fil-parroċċa. Meta wasalna quddiem il-knisja kien hemm krejn, ġentilment misluf mill-*Express Trailers*, li tella' il-qanpiena l-kbira fil-kampnar fost il-briju tan-nies u l-innu lil San Sebastjan. Il-qniepen l-oħrajn kienu diġà mqegħdin f'posthom.

Din kienet parti mill-istorja ta' din il-ġrajja fil-parroċċa tagħna 20 sena ilu, fejn jien għamilt enfasi l-aktar fejn tat sehem kbir is-Soċjetà Pinto.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Soċjetà Fil. Pinto Banda San Sebastjan, lill-benefatturi kollha u lil dawk li ħadmu biex ikollna sett qniepen sbieħ kif jixirqilha l-parroċċa tagħna.

Grazzi









***Il-qniepen mill-funderija sal-kampnar – Ritratti mill-1998***